**11 ta' Marzu, 1985**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. - President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A.,F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Angele Cachia Zammit *noe*

*versus*

Dr. John Buttigieg *noe*

## Relazzjoni Ġuridika - Kuntratt ta' Impieg

*L-attur aġixxa għaliex ippretenda ħlas għal inkarigi allegatament lilu mogħtija mill-konvenut u in bażi ta' ftehim pretiż bejn il-partijiet. Il-konvenut eċċepixxa illi l-attur qatt ma kien impjegat miegħu imma ma' ditti esteri.*

*Minn eżami akkurat tal-provi, il-Qorti ta' l-Appell laqgħet l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenut, rrevokat is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u ċaħdet it-talbiet attriċi in kwantu diretti kontra l-konvenut.*

Il-Qorti:-

Ratt l-att taċ-ċitazzjoni preżentata fl-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ li bih l-attur (kif allura rappreżentat minn martu billi kien assenti), wara li ppremetta li l-konvenut kien inkarigah biex jagħmillu xogħol akkont tiegħu f'Malta biex l-istess konvenut jiftaħ negozju f'Malta u sar ftehim bejn il-partijiet li l-konvenut kellu jħallas lill-attur għax-xogħol tiegħu is-somma ta' elfejn lira (Lm2,000) fix-xahar, illi l-konvenut naqas li jħallsu l-ammont dovut għall-perijodu ta' xahar u nofs, li spiċċaw fl-aħħar ta' Awissu, 1980, u illi l-konvenut inkorra spejjeż ammontanti b'kollox għal erbgħa mija u sitta u għoxrin lira u tletin ċenteżmu (Lm426.30), kif jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża, talab li l-konvenut jiġi kkundannat iħallsu s-somma ta' tlett elef, erba' mija, sitta u għoxrin lira u tletin ċenteżmu dovuti kwantu għal tlett elef lira (Lm3,000) kumpens miftiehem bejn il-partijiet għal xogħol li l-attur għamel b'inkariku tal-konvenut u kwantu għal erba' mija sitta u għoxrin lira Maltija u tletin ċenteżmu (Lm426.30) għal spejjeż inkorsi mill-attur fl-interess tal-konvenut, b'riserva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-attur għall-bilanċ ta' kumpens dovut għall-perijodu qabel Lulju, 1980 u bl-ispejjeż esklużi dawk tal-mandat ta' impediment ta' safar fl-istess ismijiet tas-27 ta' Ottubru, 1980 kontra l- konvenut;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha eċċepixxa illi l-attur qatt ma kien impjegat minn John W. McKenzie imma minn kumpanija estera *Teksys Inc.* ta' *Dallas, U.S.A.* u kumpanija oħra *T.S.S.*, kumpanija reġistrata l-Isvizzera u kien jieħu s-salarju minn għandhom;

Rat id-deċizjoni ta' l-Onorabbili Qorti tal-Kummerċ tal-24 ta' Mejju, 1983 li bih dik il-Qorti laqgħet il-talba ta' l-attriċi *nomine* u għalhekk kkundannat lill-konvenut *nomine* iħallas lill-attriċi fil-kwalità tagħha premessa s-somma ta' tlett elef, erba' mija sitta u għoxrin lira Maltija (Lm3,426) għar-raġunijiet imsemmija fiċ-ċitazzjoni, bl-ispejjez kontra l-konvenut, wara li kkunsidrat illi:

L-attur xehed u qal li f'Novembru, 1979 meta kien l-Ingilterra, kitbitlu martu fejn qaltlu li ċertu John McKenzie li kien ħabib ta' ħabiba tagħha ried jiltaqa' miegħu bl-isperanza li hu seta' jakkwista *job* miegħu. F'Marzu, 1980 iltaqgħu flimkien fl-Ingilterra fil-*flat* ta' l-attur u l-konvenut offrielu *job*. Ta' dan offrielu Lm500 fix-xahar talli jaħdimlu Malta u offrielu Lm500 oħra fix-xahar bil-patt li jmur il-Libja. L-attur isostni li dam jaħdem ma' McKenzie sa Novembru, 1980;

Fil-Libya kien joqgħod fil-*flat* tal-konvenut u fih kellu uffiċċju. Xogħol l-attur fil-Libja kien li jispijja fuq il-*Manager* tiegħu hemmhekk. Ix-Xogħol tiegħu f'Malta kien li jgħinu biex jiftħu kumpanija hawnhekk. Ix-xogħol tal-konvenut fil-Libja kien f'*Wireless* u *Telephones*. Hawn Malta l-attur kien imur spiss l-M.D.C., Kastilja u dipartimenti oħra tal-Gvern, jinsisti biex jottjeni l-permesi meħtieġa biex tifforma ruħa l-kunpanija li kellu f'moħħu jiftaħ hawn Malta l-konvenut. L-attur kellu jkun il-persuna li żżomm il-kotba ta' din il-kumpanija meta kollox jiġi finalizzat. L-attur kien jinsisti miegħu biex jagħmlu l-kuntratt ta' bejniethom però l-konvenut qatt ma bagħtulu u kien jgħidlu "Il-kuntratt tagħmlux għax kontra tiegħek";

Il-konvenut ma kienx puntwali fil-pagamenti tas-salarju ta' l-attur u daqqa kien iħallsu b'*cheque* u daqqa b'*cash*. Id-Dok.C *a* fol. 22 tal-proċess huwa sintomatiku ta' dan. Skond dan infatti

jidher li mart l-attur ħarġet riċevuta lil McKenzie għall-ammont ta' 1,000$. Minn dan jidher li McKenzie ħallsu personalment. L-attur jinsab korroborat fix-xhieda tiegħu minn dik ta' martu Angele Cachia Zammit. Din kkorroborat lil żewġha għar-rigward il-pagamenti li kienu jsiru minn McKenzie personalment u mhux għan-nom ta' kumpaniji li semma l-konvenut;

Ix-xogħol ta' l-attur *vis-a-vis* McKenzie kien li jirsisti biex tiġi stabbilita l-kumpanija li kellu f'moħħu hawn Malta li tagħha kellu jkun l-*accountant* hu. Dan il-fatt xehdu wkoll *del resto* l-konvenut stess *fol.* 18 "*I did mention the formation of the new company. In fact the job Cachia Zammit had to perform was to prepare the necessary documents on behalf of Teksys Inc. to form the local Company*". L-attur u martu però jiċħdu li l-konvenut qatt semmielhom li l-attur kien ġie impjegat mill-kumpaniji li semma l-konvenut. Il-konvenut ma semmiex x'kien jagħmel il-Libja l-attur. Għalhekk għandu neħduh li hu kif spjega l-attur stess fix-xhieda tiegħu u ċjoè li jgħarres u jispija fuq xi *manager* li kellu l-konvenut hemmhekk, u jara min jidħol u joħroġ fl-uffiċċju. L-attur u martu t-tnejn sostnew li hu kellu jkun impjegat ma' McKenzie personalment. Din tidher li kienet il-posizzjoni anke minn eżami tan-natura tax-xogħol li ġie mqabbed jagħmel l-attur. Dan jidher fil-kumpless tiegħu li x'aktarx kien ta' natura personali milli ħaġa oħra. Infatti bix-xogħol li kien qed jagħmel l-attur kemm f'Malta kif ukoll il-Libja jidher li lil McKenzie personali kien qed jaqdi waħdu fil-Libja billi jgħarres fuq il-*manager* li kien hemm u f'Malta jagħmel ix-xogħol preparatorju għal McKenzie biex dan jifforma l-kumpanija biex tinfetaħ fabbrika. Din il-fehma tkompli tissaħħaħ meta wieħed jeżamina l-*istatement* Dok. K fol. 36 fejn l-*items* hemm indikati jidhru li huma ta' natura personali;

Il-konvenut għamel enfażi fuq il-parti ta' ittra tat-12 ta' Settembru, 1980 fejn l-attur kiteb "*you know that I left my job in London to join your company*". Din però meta tiġi kunsidrata fid-dawl tal-provi l-oħra u ma dak kollu li ntqal fuq, għandha tinftiehem kif sostnew l-attur u martu li l-attur kellu jgħin lil McKenzie ħalli tinfetaħ il-fabbrika f'Malta u hu jidħol jaħdem fiha fil-karigu ta' *accountant*. Barra minn hekk trid tiġi kunsidrata wkoll il-mod u manjiera ta' kif kien jitħallas l-attur minn McKenzie. L-irċevuta esibita mill-konvenut stess issemmi li mart l-attur kienet irċeviet il-flus mingħand McKenzie għan-nom ta' żewġha u l-konvenut f'dik l-okkażjoni ma kienx insista magħha li trid issir f'isem il-kumpanija li l-konvenut qed jippretendi li magħhom kien impjegat l-attur. Lanqas ma ressaq il-konvenut xi prova dokumentarja, xi estratt mill-kotba ta' dawn il-kumpaniji biex jikkorroborawh;

Kunsidrati ċ-ċirkostanzi kollha tal-każ il-Qorti waslet għal fehma li l-versjoni mogħtija mill-attur u martu hija aktar verosimili u kwindi l-ewwel eċċezzjoni qegħda tiġi miċħuda. Rigward l-ammont li l-attur qed jippretendi dan jidher li jirriżulta kemm mix-xhieda tal-partijiet kif ukoll mid-dokumenti eżibiti minnu;

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut *nomine* preżentata fit-30 ta' Mejju, 1983;

Rat il-petizzjoni ta' l-appell tal-konvenut *nomine* li biha, għar-raġunijiet hemm imsemmija, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tal-24 ta' Mejju, 1983 billi tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-appellant u tiċħad il-talbiet ta' l-appellat, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

Rat ir-risposta ta' l-appell ta' l-appellat preżentata fis-7 ta' Lulju, 1983;

Rat l-atti l-oħra kollha rilevanti u opportuni;

Trattat l-appell;

*Ikkunsidrat:*

L-ewwel punt li din il-Qorti għandha teżamina u tiddecidi huwa jekk hiex jew le fondata l-eċċezzjoni tal-konvenut appellant illi l-attur ma kienx ġie impjegat minnu personalment imma minn żewġ ditti esteri u li kwindi meta l-azzjoni ġiet proposta kontra tiegħu personalment, ġiet proposta ħażin;

Ikkunsidrat:

Minn eżami tal-provi jirriżulta li fil-waqt li minn naħa l-waħda l-attur u martu jgħidu li l-attur kien ġie impjegat mill-konvenut personalment, minn naħa l-oħra l-konvenut appellant igħid li huwa kien ġie Malta bħala rappreżentant taż-żewġ kumpaniji esteri msemmija fid-depożizzjoni tiegħu, li kien intiż li titwaqqaf kumpanija lokali u li l-attur appellat kien ġie impjegat minn dawn iż-żewġ kumpaniji esteri għal dan l-iskop;

Hemm ċerti ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex tikkunsidra iżjed verosimili l-versjoni tal-konvenut appellant. Infatti, jirriżulta mid-depożizzjoni tiegħu mhux kontradetta (fol. 17) li l-kumpanija estera *Teksys Inc.* (waħda miż-żewġ kumpaniji li, skond il-konvenut appellant, kienet impjegat lill-attur appellat) kellha s-*shares* kollha fil-kumpanija ġdida lokali li l-attur appellat ħadem biex titwaqqaf ħlief għall-*share* wieħed li

kellu l-konvenut appellant personalment u ġiet eżibita kopja ta' *telex* (fol. 46) mibgħuta lill-istess kumpanija estera *Teksys Inc.* mill-attur appellat jew f'ismu fejn qallha biex tibgħat is-somma ta' ħames telef, ħames mitt lira Maltija (Lm5,500) li tirrappreżenta id-"*deposit for formation of maltese company so that we shall be able to have goods from customs released.....*" u fejn infurmaha li huwa kien għadu jistenna it-*telex* "*for office*". Dan kollu juri, fil-fehma tal-Qorti, illi l-attur appellat kien jaf li kien qed jaħdem, u fil-fatt kien qed jaħdem, fl-interess ta' l-istess kumpanija estera u mhux fl-interess tal-konvenut personalment billi dak li kien qed jagħmel kien qed jagħmlu fl-interess tagħha;

Hemm imbagħad ċirkustanza oħra li din il-Qorti tikkunsidra determinanti u din hija l-ittra tas-7 ta' Awissu, 1980 mibgħuta lill-attur appellat (fol. 20 tal-proċess) u r-risposta għaliha ta' l-attur appellat tal-12 ta' Settembru, 1980 (fol. 21). Jingħad fl-ewwel ittra tas-7 ta' Awissu, 1980 miktuba fuq il-karti tal-kumpanija *Teksys Inc.* "*that the company terminates your employment as of this date August 29, 1980*". It-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-attur appellat mela saret mill-kumpanija estera *Teksys Inc.* u mhux mill-konvenut personalment, u ma setatx saret mill-kumpanija lokali li kienet għadha ma ġietx iffurmata billi jirriżulta (ara depożizzjoni tal-konvenut appellant - fol. 15) li l-kumpanija lokali ġiet reġistrata f'Settembru, 1980. Meta rċieva din l-ittra ta' terminazzjoni ta' impjieg, l-attur appellat ma kkontestax it-terminazzjoni magħmula mill-kumpanija estera billi jgħidilha li r-relazzjonijiet ġuridiċi tiegħu ma kinux magħha imma mal-konvenut appellant personalment, kif wieħed kien jistenna li jagħmel li kieku verament kien impjegat mill-konvenut appellant personalment, imma illimita il-kontestazzjoni tiegħu għall-fatt li skond hu, huwa ma kien naqas bl-ebda mod. Infatti bl-ittra tiegħu responsiva lil *Teksys Inc.* tat-12 ta'

Settembru, 1980 (din l-ittra hija indirizzata lil *Mr. John W. McKenzie, Managing Director, Teksys Ltd.* (*sic*)),l-attur appellat wieġeb: "*You also told me that* your company (sottolinejar tal-Qorti) *terminates my employment as of the 29th August, 1980. Do please tell me where I failed you....*". L-attur appellat ma jgħid xejn f'din l-ittra tiegħu li ma kienx ġie imqabbad mill-kumpanija *Teksys Inc.*, imma mill-konvenut personalment;

Il-Qorti tixtieq iżżid, kwantu għall-pagamenti tal-pagi li saru lill-attur appellat, li mid-depożizzjoni tal-konvenut appellant (fol. 16) jirriżulta li għal erba xhur u nofs xogħol li ħadem l-attur appellat "*both companies have paid plaintiff the sum of 7,490 dollars*". U l-konvenut appellant ikompli jgħid (fol. 18): "*Plaintiff was paid a total of six times: two of which were paid by cheque in Malta pounds; two by cash in Malta pounds and two by cheques in U.S. Dollars from Swiss Corporation*". Fil-proċess ġiet eżibita riċevuta (fol. 22) iffirmata minn mart l-attur appellat fejn din qalet li rċeviet "*in cash*" is-somma hemm imsemmija minngħand il-konvenut appellant u ġew eżibiti wkoll żewġ dokumenti (Dok. YY u ZZ) (fol. 44 u 45) li juru li l-kumpanija estera *Technical Systems & Services A.G.* ta' l-Isvizzera (il-kumpanija l-oħra li, skond il-konvenut appellant, kienet ukoll qabded lill-attur appellat) ħallset parti mill-paga għax-xahar ta' Ġunju u Lulju, 1980. Dan kollu juri, fil-fehma tal-Qorti, li wieħed ma jistax jiġbed xi argumenti favur it-teżi attriċi mill-metodu ta' ħlas segwit billi għalkemm l-irċevuta rilaxxata minn mart l-attur appellat ssemmi biss lill-konvenut appellant, hemm ukoll dokumenti li juru li parti mill-paga intbagħtet lill-attur appellat mhux mill-konvenut personalment imma mid-ditta estera fuq imsemmija;

Il-Qorti, fil-kumpless taċ-ċirkostanzi fuq imsemmija, hi

tal-fehma li hija iżjed aċċettabili il-versjoni tal-konvenut appellant illi l-attur appellat ma ġiex impjegat minnu personalment u għalhekk tirritjeni l-imsemmija eċċezzjoni tal-konvenut appellant fondata u kwindi ma hemmx għalfejn li l-Qorti tgħaddi biex teżamina l-kwistjonijiet l-oħra li ssemmew fil-kawża;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċidi billi *tirrevoka* s-sentenza appellata, tilqa l-imsemmija l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut appellant fis-sens li tiddikjara li l-attur appellat qatt ma ġie impjegat mill-konvenut appellant personalment u kwindi tillibera lill-konvenut appellant mill-osservanza tal-ġudizzju, salv kull dritt ieħor ta' l-attur *si et quatenus*. L-ispejjeż tal-kawża, sija dawk ta' l-ewwel istanza kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-attur appellat.